**Minuti tal-wieħed u ħamsin (51) laqgħa tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar il-Ġimgħa 30 ta' Settembru 2016 fit-3.00pm fis-Sala tal-Kommunita'.**

Preżenti għal-laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| | |
| Is-Sur Ivan Attard | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

1. Talba, Qari u Approvazzjoni tal-Minuti u punti mqajma mill-minuti

1.1 Il-laqgħa ġiet ippreseduta mis-Sindku Saviour Borg u bdiet b'talba.

1.2 Is-Sindku Saviour Borg flimkien mal-Kunsilliera Carmel Farrugia u Horace Micallef innotaw li l-assenza tal-Viċi Sindku Victor Cefai u tal-Kunsillier Mario Mercieca fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill kienet iġġustifikata u għaldaqstant qablu unanimament li għandhom jitniżżlu bħala skużati.

Il-minuti tal-laqgħa numru 50 li saret nhar il-Ġimgħa 26 ta' Awwissu 2016 ġew approvati mill-membri preżenti u iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Punti mqajma mill-minuti

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li:

1.3 Għandna nitolbu l-permess ta' Transport Malta sabiex titwaħħal mera oħra faċċata ta' dik li hemm fil-preżent fi Triq l-Isptar San Ġiljan. Il-Kunsillier Horace Micallef reġa' semma t-tabelli tal-ħin li hemm bżonn isiru f'din it-triq. Is-Sindku qal li sab tabella simili fl-uffiċċju u ser titħawwal minflok dik li nqalgħet minn xi ħadd mhux magħruf meta saru s-sinjali sofor.

1.4 Ġew miżbugħa s-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tas-Sur John Galea fi Triq Ta' Mulejja.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

1.5 Għadu ma tlestiex ix-xogħol ta' *patching* li kellu jitkompla jsir fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nixtru l-materjal mill-aktar fis u l-Kunsillier Horace Micallef ser jieħu ħsieb li x-xogħol isir mill-ħaddiema tad-Dipartiment tat-Toroq fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

1.6 Biex il-Kunsill Lokali jerġa' jikteb lil Transport Malta sabiex tiddeċiedi dwar it-talba tas-Sur Emmanuel Grech sabiex jitwalu s-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar in-naħa tal-Kunsill biex ikun jista' jidħol u joħroġ bil-vettura mill-garaxx tiegħu.

1.7 Twaħħlu t-tabelli bl-isem 'Trejqet il-Ħarrub' u s-sinjali li jindikaw id-direzzjoni lejn il-bajja tax-Xlendi fi Triq Santa Dminka.

1.8 Illum il-Ġimgħa 30 ta' Settembru ġie konkluż il-proċess ta' reġistrazzjoni ta' residenti Fontanin minn 55 sena 'l fuq li jixtiequ jirċievu l-vaċċin kontra l-influwenza staġjonali fis-sala tal-komunita'. B'kollox irreġistraw 27 persuna. Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li, bħas-sena l-oħra, għandna ninkarigaw lil Dr. Mario Saliba MD biex jipprovdi dan is-servizz.

1.9 Nhar it-Tlieta 30 ta' Awwissu saret sessjoni oħra ta' *pigeon culling* fi Triq il-Għajn, Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, Pjazza l-Għejun u Triq Għajn Tuta. Huwa qal li għall-ewwel darba f'għexerien ta' snin ġie eliminat minn ħdejn il-Knisja. B'kollox ġew eliminati 'l fuq minn tmenin ħamiemu. Il-Kunsilliera Mario Mercieca u Horace Micallef proponew li għandna navżaw lir-residenti Fontanin sabiex jagħlqu xi ventilaturi li jista' jkollhom mal-faċċati tad-djar tagħhom. Dan sabiex neliminaw kemm nistgħu l-problema tal-ħamiem abbandunat fil-lokalita'.

1.10 Matul ix-xahar ta' Settembru ġew organizzati żewġ ħarġiet soċjo-kulturali, waħda għall-festa titulari ta' Santa Katerina V.M. fiż-Żurrieq nhar is-Sibt 3 ta' Settembru u oħra għall-attivita' kulturali 'Żejt iż-Żejtun' nhar is-Sibt 24 ta' Settembru. Għal dawn il-ħarġiet, attendew is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Horace Micallef bħala rappreżentanti tal-Kunsill. Għall-ewwel attivita' attendew 28 persuna filwaqt li għat-tieni waħda attendew 33 persuna.

1.11 Skont kif ġie deċiż fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, intbagħtet ittra reġistrata lill-kuntrattur Carmel Xerri li fiha s-Sur Xerri ġie infurmat li l-Kunsill ser jibda bil-proċess tat-terminazzjoni tal-kuntratt li huwa għandu għall-manutenzjoni tal-latrina pubblika fi Triq Ta' Mulejja. Dan minħabba diversi nuqqasijiet li jeżistu fil-latrina u li ma ġewx indirizzati minkejja n-numru kbir ta' *default notices* li ntbagħtu f'dawn l-aħħar xhur. Il-Kunsill qabel li għandna nistennew ir-risposta tas-Sur Xerri għal din l-ittra qabel niddeċiedu dwar il-pass li jmiss.

1.12 Illum il-Ġimgħa 30 ta' Settembru, ingħata bidu għas-servizz tal-ġbir ta' skart organiku fil-lokalitajiet Għawdxin, inkluża l-lokalita' tal-Fontana. L-iskart


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

organiku ser jibda jinġabar mir-residenzi tal-Fontana kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa, l-iskart riċiklabbli jinġabar kull nhar ta' Tlieta filwaqt li l-iskart domestiku mħallat ser jinġabar kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għal din il-ġimgħa biss, għandna nipprovdu s-servizz tal-ġbir tal-iskart domestiku mħallat nhar is-Sibt 1 ta' Ottubru peress li bejn l-Erbgħa u t-Tnejn ta' wara kien ser ikun hemm ħamest ijiem mingħajr ġbir ta' skart separat. Dan is-servizz ser jiġi ipprovdut għall-benefiċċju tar-residenti tagħna.

1.13 Nhar is-Sibt 24 ta' Settembru 2016 saret il-laqgħa mal-Perit Anthony Bezzina li għaliha attenda s-Sindku bħala rappreżentant tal-Kunsill. F'din il-laqgħa, is-Sindku talab lill-Perit tal-Kunsill sabiex, mill-aktar fis possibbli, jgħaddilna d-dokumenti tal-offerti pubbliċi *(tenders*) relatati max-xogħlijiet ta' asfaltar ta' Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u Triq John Gaspard Le Marchant. Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li dawn l-offerti għandhom jinħarġu mill-aktar fis. Is-Sindku informa lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa 28 ta' Settembru, il-Perit Anthony Bezzina issottometta applikazzjoni quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar għall-irranġar ta' diversi sqaqien pubbliċi fil-lokalita' li jikkonsistu fi Sqaq Għar Gerduf, parti minn Triq Ta' Mulejja, Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali, Trejqet ir-Razzett, Treqjet ix-Xagħri u parti minn Triq il-Għajn. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Perit bagħtilna wkoll il-pjanti tat-*traffic calming measures* ta' Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Dawn ser jiġu diskussi aktar 'il quddiem matul din il-laqgħa.

1.14 Tneħħiet il-*communal disabled parking bay* li kien hemm fi Triq il-Għajn. Dan sakemm jinstab post ieħor għal din il-kaxxa.

2. <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li:

2.1 Nhar it-Tnejn 12 ta' Settembru 2016, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard attenda għal sessjoni ta' informazzjoni organizzata mill-Awtorita' tal-Ippjanar rigward il-proċedura l-ġdida ta' kif wieħed jista' japplika għal permess ta' żvilupp u kif il-Kunsill jista' jressaq oġġezzjoni għal xi permess partikolari.

2.2 Nhar il-Ġimgħa 23 ta' Settembru 2016, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv attenda għal laqgħa dwar il-ġbir ta' skart organiku fil-lokalitajiet Għawdxin li saret f'Tal-Kus Transfer Station, ix-Xewkija, u li kienet organizzata mill-Wasteserv.

2.3 Ġie avviċinat mis-Sur Angelo Curmi sabiex issir kaxxa tal-*parking* riservata għall-muturi fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li din il-kaxxa għandha ssir fejn l-inqas li jitnaqqas parkeġġ tal-karozzi. Wara diskussjoni,


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lil Transport Malta sabiex tagħmel *on-site visit* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u tipproponi post eżatt fejn tista' issir din il-kaxxa.

2.4 Irċivejna *e-mail* mingħand Victoria Gatt, *qualified fitness instructor*, li fiha qed titlob l-awtorizazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex tkun tista' tuża s-sala tal-komunita' għall-kors taz-*zumba* li ser tibda tagħmel kull nhar ta' Sibt wara nofsinhar. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lis-Sinjorina Gatt bil-ħsieb tagħna li dan il-kors ikun organizzat bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill għar-residenti kollha. Għandna wkoll niddiskutu magħha l-ħlas li ser jintalab mir-residenti Fontanin u minn dawk il-persuni li mhumiex residenti fil-Fontana. Ser nieħdu ħsieb nibagħtu avviż li jitqassam fir-residezi kollha tal-Fontana mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

2.5 Peress li mil-laqgħa li saret mal-Ministru għal Għawdex erba' xhur ilu s'issa għadu ma bediex ix-xogħol imwiegħed, is-Sindku propona li għandna ninkarigaw ħaddiem tal-Kunsill sabiex jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq il-kurduna tal-bankini ta' Triq il-Għajn. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-ħaddiema assenjati magħna sabiex jagħmlu dan ix-xogħol flimkien mas-Sur Emmanuel Conti sabiex iġorrilna r-ramel u s-siment meħtieġ.

2.6 Irċivejna talba mingħand Dr. Chris Borg, residenti fi Triq Wied Siekel, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata tar-residenza tiegħu. Dan peress li qed ikun hemm vetturi ipparkjati dik in-naħa u qed isib problema biex joħroġ il-karozza mill-garaxx. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

2.7 Hemm bżonn li jsir aġġornament aktar regolari fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill, www.fontana.gov.mt. Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lis-Sur William Sultana sabiex jiġi fl-uffiċċju tal-Kunsill u juri l-proċess kollu ta' kif isir aġġornament lill-iskrivan tal-Kunsill, is-Sur Christopher Buhagiar. Dan sabiex ix-xogħol kollu relatat ma' aġġornament ta' din il-*website* jsir mill-iskrivan innifsu bil-għan li nevitaw l-ispejjeż.

2.8 Ġie avviċinat mis-sagristan tal-Knisja Parrokkjali tal-Fontana sabiex isiru żewġ *bollards* temporanji jew żewġ *barriers* li jitpoġġew waħda kull naħa ta' Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali matul il-ħinijiet li fihom isiru l-lezzjonijiet tad-duttrina. Is-Sindku qal li, sa fejn jaf hu, diġa' hemm permess ta' Transport Malta biex din it-trejqa tingħalaq waqt dawn il-ħinijiet skont il-permess maħruġ minn Transport Malta. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ser jiċċekkja rigward din il-materja. F'każ li m'hemmx permess, il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

2.9 Ġie avviċinat minn xi residenti fi Triq Wied Siekel sabiex jitwaħħal fanal ftit 'l isfel mill-bozza li hemm fil-bidu tal-wied mad-dar tas-Sur Ivan Caruana. Dan sabiex jiġu evitati abbużi bla bżonn minħabba nuqqas ta' dawl fl-inħawi. Il-Kunsill qabel li għandna nirreferu din it-talba lir-Reġjun Għawdex biex tiżdied mal-lista ta' talbiet għal bozoz ġodda fil-lokalitajiet.

2.10 Il-lista ta' ħaddiema li huma impjegati mal-Kunsill Lokali tal-Fontana għadha ma ġietx aġġornata min-naħa tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ tant li f'Lulju li għadda kienet għadha tidher bħala Segretarju *full time* dik li kien hemm sa Marzu 2009. Dan minkejja talba li diġa' saret min-naħa tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Ser niċċekkjaw ma' din il-Korporazzjoni biex naraw jekk fadalx xi dokumentazzjoni li rridu nissottomettu min-naħa tagħna biex din il-lista tkun tista' tiġi aġġornata.

2.11 Għada s-Sibt 1 ta' Ottubru 2016 jerġa' jidħol fis-seħħ il-ħin tax-xitwa għall-impjegati kollha taċ-ċivil. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill għandu jkun miftuħ mit-Tnejn sal-Ġimgħa mis-7.15am san-12.30pm u mis-1.15pm sal-4.45pm filwaqt li s-Sibt ikun miftuħ mit-8.00am sal-11.30am. Din l-iskeda tibqa' tgħodd sal-15 ta' Ġunju 2017 u hija applikabbli wkoll għaż-żewġ ħaddiema li huma impjegati mal-*Community Workers Foundation* u assenjati mal-Kunsill Lokali tagħna.

2.12 Ġie propost li tiġi organizzata ħarġa soċjo-kulturali f'Malta għall-Festa tal-Qargħa Ħamra li ser issir nhar il-Ħadd 30 ta' Ottubru 2016 fil-Manikata. Il-Kunsill qabel li din il-ħarġa għandha tiġi organizzata. Ser jitqassam l-avviż fir-residenzi kollha tal-Fontana mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

2.13 Bejn it-Tnejn 19 u l-Erbgħa 21 ta' Settembru 2016, il-Kunsill Lokali tal-Fontana ospita delegazzjoni ta' disa' persuni mill-Kunsill ta' Serrone fl-Italja. Is-Sindku xtaq jikkjarifika l-assenza tiegħu għall-attivitajiet li ġew organizzati billi qal li sar jaf li d-delegazzjoni ser tkun tikkonsisti f'disa' persuni jumejn qabel ġew Malta. Hu qal li kien hemm qbil fil-Kunsill li d-delegazzjoni tkun tikkonsisti f'żewġ persuni biss. Dan għar-raġuni tal-ispejjeż kbar li kien ser jidħol fihom il-Kunsill biex jospita delegazzjoni ta' disa' min-nies u anke għall-fatt li l-kunsilliera Carmel Farrugia u Victor Cefai ma kinux infurmati b'dan.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard qal li, fl-istedina uffiċjali li hu bagħat f'isem il-Kunsill, hu stieden żewġ persuni iżda s-Sinjura Antonietta Damizia li kienet qed tieħu ħsieb id-delegazzjoni qalet li huma xtaqu li jiġu sitt persuni u jħallsu l-ispejjeż kollha huma. Infatti, il-Kunsillier Horace Micallef qal li hu kien diġa' beda jieħu ħsieb il-*bookings* tal-lukanda meta l-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmah li l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni ser iħallsu għaliha l-membri tad-delegazzjoni. L-Aġent Segretarju kompla jgħid li kien biss fis-17 ta' Settembru li


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

hu sar jaf li d-delegazzjoni ser tkun magħmula minn disa' persuni. Hu skuża ruħu mal-membri tal-Kunsill għal xi nuqqas ta' komunikazzjoni li seta' kien hemm fil-koordinament ta' dan il-programm.

Il-Kunsillier Horace Micallef qal li wara dak li ġara, irċivejna *e-mail* mis-Sindku ta' Serrone, Dr. Natale Nucheli, fejn dan talabna nikkonfermaw jekk il-Kunsill Lokali tagħna għadux interessat li jiffirma ftehim ta' ġemellaġġ magħhom f'Jannar li ġej. Is-Sindku Saviour Borg qal li ma jagħmilx sens li aħna niffirmaw ftehim ta' ġemellaġġ ma' lokalita' barranija mingħajr ma delegazzjoni mill-Kunsill żżur din il-lokalita'. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li biex il-kunsilliera jkunu jafu x'toffri din il-lokalita', kien imisshom attendew għal-laqgħa uffiċjali li kienet pjanata għall-20 ta' Settembru. Hu qal ukoll li din il-lokalita' għandha ħafna affarijiet li huma simili għal-lokalita' tal-Fontana b'mod partikolari l-Knisja iddedikata lill-Qalb ta' Ġesu' u għaldaqstant jaħseb li għandna nipproċedu bl-iffirmar tal-ġemallaġġ. Is-Sindku qal li jkun aktar għaqli għalina jekk nagħmlu talba formali lill-Kunsill ta' Serrone sabiex matul ix-xahar ta' Ottubru jew Novembru, jospita delegazzjoni ta' żewġ Kunsilliera għal żjara ta' familjarizazzjoni mal-lokalita'. Għal din iż-żjara li ma ttulx aktar minn jumejn, il-Kunsill iħallas l-ispejjeż tal-*flights* u fejn joqogħdu, l-istess kif għamlu l-membri tal-Kunsill ta' Serrone waqt iż-żjara tagħhom fil-Fontana.

Wara diskussjoni, il-Kunsilliera qablu unanimament mal-proposta tas-Sindku u għaldaqstant ser inressqu t-talba tagħna lill-Kunsill ta' Serrone.

2.14 Irċivejna korrispondenza mill-Uffiċċju tal-Ombudsman fejn dan infurmana li l-każ li s-Sinjura Amanda Abela, ex-Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, kienet fetħet kontra l-Kunsill ġie konkluż. L-Uffiċċju tal-Ombudsman irringrazzja lill-Kunsill għall-koperazzjoni tiegħu waqt il-proċess ta' investigazzjoni li sar.

2.15 B'riferenza għal ċirkulari numru 16/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv', is-Sindku Saviour Borg propona li s-Sur Ivan Attard, fil-preżent Aġent Segretarju Eżekuttiv, jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Fontana. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li ma jidħolx f'dan il-każ peress li hemm direttiva mill- Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi.

L-Aġent Segretarju innota li bħalissa għaddejjin diskussjonijiet bejn id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi rigward din iċ-ċirkolari u għaldaqstant ikun aħjar jekk din il-ħatra titħalla għal aktar 'il quddiem meta ningħataw il-*clearance* li nistgħu nipproċedu. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan u għaldaqstant il-ħatra ġiet sospiża sakemm tingħata direzzjoni min-naħa tad-Dipartiment.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3. Il-proċess tal-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid

Is-Sindku Saviour Borg innota li sad-data u l-ħin tal-għeluq tal-applikazzjonijiet għall-post vakanti ta' Segretarju Eżekuttiv fuq bażi *part-time* mal-Kunsill Lokali tal-Fontana, jiġifieri l-Ġimgħa 30 ta' Settembru 2016 f'nofsinhar, il-Kunsill irċieva tmien applikazzjonijiet.

Is-Sindku innota li, skont memo 4/2012 intitolat 'Linji Gwida għall-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsilli Lokali', għandu jinħatar bord li jevalwa l-applikazzjonijiet li daħlu u li jieħu ħsieb l-*interviews* tal-applikanti li jkunu għaddew mill-ewwel fażi ta' evalwazzjoni. Wara diskussjoni, is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li l-bord tal-għażla għandu jkun iffurmat mis-Sindku, il-Kunsillier Horace Micallef u Dr. Joseph Attard. Is-Segretarju tal-Bord tal-Għażla ser ikun l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard.

Il-Kunsillier Mario Mercieca qal li hu ma jaqbilx mad-deċiżjoni li ttieħdet fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv ikun ingaġġat fuq bażi *part-time*. Hu sostna li b'dan il-mod ser tinħoloq problema loġistika biex ikun jista' jinfetaħ l-uffiċċju anke minħabba l-fatt li aħna għandna impjegat wieħed biss li huwa *full time*. Is-Sindku Saviour Borg wieġeb li ġaladarba x-xogħol bħalissa jinsab miexi b'ritmu tajjeb minkejja li m'għandniex Segretarju Eżekuttiv *full time*, ma jarax għalfejn ix-xogħol m'għandux jibqa' miexi hekk u dan qed isir skont ir-regolamenti li jgħidu li f'lokalitajiet b'popolazzjoni ta' inqas minn elfejn ruħ, jista' jitqabbad Segretarju fuq bażi *part time*. Il-lokalita' tagħna hija ta' madwar disa' mitt ruħ. Barra minn hekk, ikunu qed jiġu frankati diversi flus li jistgħu jmorru biex isir proġett li jkun ta' beneficċju għar-residenti tal-Fontana.

Il-Kunsillier Horace Micallef qal li hemm diversi punti li jridu jiġu kjarifikati qabel ma ssir l-ewwel laqgħa tal-bord tal-għażla. Dawn jinkludu jekk il-Kunsill jistax jiffissa hu l-ħinijiet li fihom jaħdem is-Segretarju Eżekuttiv, jekk is-Segretarju għandux jitħallas *extra* għas-sigħat li jagħmel ta' xogħol biex jattendi laqgħat tal-Kunsill, jekk il-Kunsill jistax jagħti preferenza lil dawk il-kandidati li għandhom għarfien tal-*accounts* waqt il-proċess tal-*interviews* u jekk tridx tinħareġ sejħa ġdida f'każ li 'l quddiem jinħass il-bżonn li s-Segretarju Eżekuttiv jiġi *full time*. Wara diskussjoni, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jġib kjarifika rigward dawn il-punti min-naħa tat-Taqsima Riżorsi Umani fi ħdan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

4. L-attivitajiet ta' Jum il-Fontana 2016

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li għandna nibdew bil-preparamenti tagħna għall-organizazzjoni ta' Jum il-Fontana li ser jiġi iċċelebrat nhar il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016. Il-programm ser jikkonsisti f'Quddiesa fis-Santwarju


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesu' fis-6pm segwita mit-tqegħid ta' kuruni f'riġlejn il-Monument tas-Sajjieda u attivita' soċjo-kulturali fis-Sala tal-Komunita' u li fiha jingħata 'Ġieħ il-Fontana' lill-persuna nominata mill-Kunsill.

Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn membru tal-band *D Capitals* biex jistaqsih jekk din il-*band* hux ser tiġi mistiedna mill-Kunsill biex tipparteċipa fl-attivita' ta' Jum il-Fontana. Il-Kunsill qabel li, għal sena oħra konsekuttiva, għandna ninkarigaw lill-band *D Capitals* sabiex, taħt id-direzzjoni mużikali ta' Mro. George Apap, tesegwixxi diversi siltiet mużikali waqt is-serata kommemorattiva. Ser inġibu wkoll tliet kwotazzjonijiet għar-riċeviment li jsir wara li tintemm l-attivita'.

Il-Kunsillier Horace Micallef propona u l-Kunsill qabel li, bħalma sar is-sena li għaddiet, għandu jiġi organizzat *weekend break* għar-residenti fuq bażi *half-board* f'lukanda f'Malta. Is-Sur Mario Mercieca qal li ġie avviċinat minn diversi residenti li wrew ix-xewqa tagħhom li dan il-*weekend break* jiġi organizzat qabel Diċembru biex hekk ma jaħbatx mal-attivitajiet tal-festi tal-Milied. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li dan il-*weekend break* għandu jiġi organizzat bejn il-Ġimgħa 18 u l-Hadd 20 ta' Novembru 2016 (żewġ iljieli). Ser inġibu kwotazzjonijiet minn tliet lukandi differenti. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ser jieħu ħsieb jinforma lill-Kunsilliera kollha bl-arranġamenti li jkun għamel qabel il-laqgħa li jmiss.

5. Qari tal-Korrispondenza:

5.1 Ċirkulari numru 18/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Ordnijiet Permanenti li fuqhom għandhom jitmexxew il-laqgħat tal-Kunsilli Lokali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.2 E-mail mingħand Catherine Cauchi, segretarja tal-kumitat 'Milied f'Għawdex 2016', li fiha qed tistieden lill-Kunsilli Lokali, Parroċċi, NGOs, għaqdiet u individwi sabiex jissottomettu informazzjoni dwar l-inizjattivi li ser jieħdu matul il-festi tal-Milied 2016. Dan sabiex dawn jiġu inklużi fil-programm li ser jitqassam f'Malta, f'Għawdex u barra minn xtutna biex jippromwovi l-Milied Għawdxi. Il-Kunsill qabel li għandna nsemmu l-mixegħla tat-toroq ewlenin tal-Fontana li ser issir bejn it-8 ta' Diċembru 2016 u t-8 ta' Jannar 2017.

5.3 E-mail mingħand is-Sur Pio Farrugia, Assistent Direttur fi ħdan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tal-Fontana li l-ftehim kollettiv tal-ħaddiema klerikali tal-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali 2012-2016 ma jipprovdix għal għajnuna finanzjarja f'każ ta' studju iżda għal għajnuna biex tingħata faċilita' ta' *study leave* li ma jinqatax mil-*leave* ordinarju tal-impjegat. Il-Kunsill innota l-kontenut.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

5.4 E-mail mingħand Karl Wright, kap tal-istazzjon Radju RTK, li fiha qed iħeġġeġ lill-organizazzjonijiet, entitajiet, Kunsilli Lokali u parroċċi sabiex jorganizzaw attivitajiet soċjali biex jiġġeneraw xi donazzjonijiet bil-għan li jgħinu lill-vittmi tat-terremot li seħħ fl-Italja lejn l-aħħar ta' Awwissu 2016. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.5 Ċirkulari numru 19/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Sħubija fil-*Local Action Groups*'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.6 Ċirkulari numru 20/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Inizjattiva Finanzjarja għall-Kumitati Reġjonali – Pjan Ekonomiku, Soċjali u Kulturali għall-Komunita' fuq Livell Reġjonali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.7 Ċirkulari numru 21/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Konvenzjoni dwar il-Qasam Soċjali fil-Komunita' u l-programm ta' taħriġ Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.8 Ċirkulari mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali b'informazzjoni dwar is-*summit* tas-Sindki bit-tema 'Alliance of European cities against violent extremism' li ser isir nhar l-Erbgħa 9 ta' Novembru 2016 f'Rotterdam, l-Olanda. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.9 E-mail mingħand Christopher Galea, *senior monitoring officer* fi ħdan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tal-Fontana, li kemm-il darba l-Kunsill japprova li kien nuqqas purament amministrattiv li wassal biex il-polza tal-assikurazzjoni tas-saħħa tal-Kunsillieri ma ġietx imġedda, m'għandux ikun il-kunsillier Horace Micallef li jbati l-konsegwenzi. Għaldaqstant, jekk ikun hemm qbil permezz ta' vot fil-laqgħa tal-Kunsill rigward il-ħlas dovut, il-Kunsill jista' jqis li jivvalida dan il-pagament. Madankollu, il-Kunsill Lokali għandu jgħaddi lid-Dipartiment ir-rimedju li ser jieħu fil-konfront ta' min kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv meta sar tali nuqqas.

Il-Kunsill qabel unanimament li jivvalida l-pagamenti dovuti lis-Sindku Saviour Borg u lill-Kunsillier Horace Micallef għal konsultazzjoni medika li saritilhom fix-xhur li għaddew meta l-polza tal-assikurazzjoni tas-saħħa kienet għadha ma ġġedditx. Is-Sindku Saviour Borg u l-Kunsillier Horace Micallef astjenew mill-vot minħabba kunflitt ta' interess. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna nistaqsu lid-Dipartiment dwar x'rimedju jista' jittieħed fil-konfront tal-ex-Segretarju Eżekuttiv minħabba dan in-nuqqas amministrattiv min-naħa tagħha.

5.10 Ċirkulari numru 22/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Tqegħid jew Depożitu ta' Stekkat (*boundary wall*)'. Il-Kunsill innota l-kontenut.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

5.11 E-mail mingħand Raymond G. Zammit, rappreżentant tal-LESA, li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tal-Fontana sabiex jagħmel studju tajjeb biex jissostanzja t-talba tiegħu sabiex tiġi installata *speed camera* fi Triq Tax-Xlendi, Fontana. Is-Sur Zammit qed jipproponi wkoll li ma' dan l-istudju, ikun hemm ukoll pjanta tal-lokalita'. Il-Kunsillier Horace Micallef propona u l-Kunsill qabel li għandna nitolbu laqgħa mas-Sur Zammit biex naraw x'qed jitlob eżattament.

5.12 Ċirkulari numru 23/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Servizzi provduti mill-MITA lill-Kunsilli Lokali'. Permezz ta' din iċ-ċirkulari, id-Dipartiment qed jinforma li l-Kunsilli Lokali mhux ser jibqgħu jirċievu aktar talbiet għal ħlas mingħand il-MITA u l-miżata ta' din is-sena ser titnaqqas mill-allokazzjoni finanzjarja li jmiss, jiġifieri dik ta' Settembru-Diċembru 2016. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.13 E-mail mingħand Victoria Gatt, *qualified fitness instructor*, li fiha qed titlob l-awtorizazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Fontana sabiex tkun tista' tuża s-sala tal-komunita' għal sessjoni ta' *zumba* għar-residenti kull nhar ta' Sibt wara nofsinhar. Is-sessjoni ddum siegħa. Din il-materja diġa' ġiet diskussa aktar kmieni matul din il-laqgħa.

5.14 Ċirkulari numru 24/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Inizjattiva ta' Taħriġ dwar *Stress Management*'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.15 E-mail mingħand Matthew Dimech, Segretarju tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali, li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali li l-laqgħa ġenerali annwali tal-ANSEK ser issir nhar il-Ġimgħa 7 ta' Ottubru 2016 fit-8.30am fil-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.16 E-mail mingħand Natale Nucheli, Sindku tal-Kunsill ta' Serrone fl-Italja, li fiha qed jistaqsi lill-Kunsill jekk hux interessat li jkompli bid-diskussjonijiet bil-possibilita' li jiġi iffirmat ftehim ta' ġemellaġġ bejn il-lokalita' tal-Fontana u l-lokalita' ta' Serrone. Din il-materja diġa' ġiet diskussa aktar kmieni matul din il-laqgħa.

5.17 Ittra mingħand Dr. Renata Formosa LLD għan-nom tal-kuntrattur Jimmy Saliba li fiha qed tinfurmana li s-Sur Saliba qed jitlob il-ħlas dovut lilu għal servizzi ta' manutenzjoni tal-kompjuter fl-uffiċċju tal-Kunsill li saru fil-bidu tas-sena 2016. F'risposta mibgħuta mill-avukat tal-Kunsill Dr. Jean Paul Grech LLD, huwa informa lil Dr. Formosa li qatt ma kien hemm awtorizazzjoni mill-Kunsill sabiex is-Sur Saliba joffri xi servizzi lill-Kunsill Lokali tal-Fontana. Għaldaqstant, jekk is-Sur Saliba għamel xi xogħol, huwa mitlub li jindirizza l-pretensjonijiet tiegħu fil-konfront tal-persuna li effettivament għamlet kuntatt miegħu. Dan peress li tali xogħol ma ġiex approvat mill-Kunsill. Il-Kunsill innota l-kontenut.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

5.18 Ċirkulari numru 25/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Sejħiet għall-offerti li jinkludu aċċessibilita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.19 Ċirkulari numru 26/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Kampanja Pink October 2016'. Permezz ta' din iċ-ċirkulari, id-Dipartiment qed jitlob lill-Kunsilli Lokali sabiex nhar il-Ġimgħa 30 ta' Settembru, jixegħlu l-faċċati tal-uffiċini tagħhom jew xi bini ieħor importanti fil-lokalita' b'lewn roża li jissimbolizza l-kulur użat f'din il-kampanja. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.20 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar il-kors 'Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar' li ser jibda llum il-Ġimgħa 30 ta' Settembru mill-5.30pm sas-7.30pm fiċ-Ċirklu taż-Żgħażagħ, ix-Xagħra. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.21 E-mail mingħand Angela Vella, *lifelong learning coordinator*, li fiha qed titlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tkun tista' tuża s-sala tal-komunita' għal korsijiet varji ta' ganutell u *macramé* nhar ta' Tnejn (filgħodu u filgħaxija) u nhar ta' Tlieta filgħodu bejn ix-xhur ta' Ottubru u Mejju. Il-Kunsill aċċetta din it-talba. Ser naraw li jkollna persuna tal-fiduċja tagħna li tieħu ħsieb tagħlaq is-sala hi wara li tispiċċa l-lezzjoni.

5.22 Ċirkulari numru 27/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Skema ta' Finanzjament: Proġetti Kapitali – Iffirmar ta' Kuntratti'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.23 E-mail mingħand Roxanne Spiteri, rappreżentanta tal-Ministeru tat-Turiżmu, li fiha qed tistieden lis-Sindku u lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jattendu għal konferenza bit-tema 'The Promotion of European Destinations of Excellence (EDEN) – 2015 and Beyond Experiencing Emerging European Destinations'. Din il-konferenza ser issir nhar il-Ħamis 27 ta' Ottubru mid-9.00am 'il quddiem fil-Mellieħa.

Is-Sindku qal li hu ma jistax jattendi għal laqgħat li jsiru waqt il-ħin tax-xogħol minħabba regolamenti tal-PSMC.

5.24 E-mail mingħand il-Kumitat Olimpiku Malti b'informazzjoni dwar l-*MOC Sports Awards*. Dan l-*award* jingħata lil dak il-Kunsill Lokali li jkun ta l-akbar kontribut lill-isport Malti matul is-sena li għaddiet. Applikazzjonijiet għal dan il-premju jintlaqgħu sa mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn 31 ta' Ottubru 2016. Il-Kunsill innota l-kontenut.

5.25 E-mail mingħand Joseph Mercieca, President tal-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana, li fiha qed jinforma lill-Kunsill li lejliet il-festa ta' Sant'Andrija, il-Kummissjoni ser


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

ittella' serata mimlija attivitajiet fosthom *plays*, kant u żfin. Is-Sur Mercieca qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' billi jħallas l-ispejjeż tas-sound u *refreshments* li jammontaw għas-somma ta' € 250. Il-Kummissjoni qed titlob ukoll il-permess tal-Kunsill sabiex din l-attivita' tkun tista' tittella' fis-sala tal-kommunita'.

Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna nistiednu lis-Sur Mercieca sabiex jiġi fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill u jagħti d-dettalji ta' x'ser isir eżatt f'din l-attivita'. Is-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef qalu li, fost affarijiet oħra, għandna nitolbu lis-Sur Mercieca sabiex din l-attivita' tkun inkluża fil-programm ta' attivitajiet li ser jorganizza l-Kunsill bħala parti minn Jum il-Fontana. Il-Kunsill qabel ma' dan.

5.26 Ittra mill-Uffiċċju tal-Ombudsman li fiha dan l-Uffiċċju qed jinforma lill-Kunsill li l-każ li kienet fetħet l-ex-Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, Amanda Abela, kontra l-Kunsill Lokali tal-Fontana issa huwa konkluż. L-Ufffiċċju tal-Ombudsman irringrazzja lill-Kunsill għall-koperazzjoni u l-kollaborazzjoni tiegħu waqt il-proċess ta' investigazzjoni. Il-Kunsill innota l-kontenut.

6. Ilmenti mir-residenti:

6.1 Talba mingħand Joseph Grima ta' 100, Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, Fontana, sabiex issir ħadida mal-bankina tar-residenza tiegħu sabiex tipprovdih bl-għajnuna neċessarja sabiex ikun jista' jidħol faċilment fir-residenza tiegħu minħabba problemi ta' mobilita' li jbati minnhom. Il-Kunsill qabel unanimament li dan ix-xogħol għandu jsir.

7. Approvazzjoni tal-pagamenti

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill il-lista ta' pagamenti biex jiġu approvati f'din il-laqgħa.

Il-Kunsill qabel unanimament li:

(a) Il-pagament tas-Sur Daniel Galea għal servizz ta' *accountancy* għall-perijodu bejn Jannar u Ġunju 2016 għandu jiġi temporanjament sospiż sakemm is-Sur Galea jipprovdi lill-Kunsill bl-informazzjoni dwar jekk l-aħħar pagament dovut lill-Kunsill taħt l-iskema CIES daħalx fil-kont bankarju tal-Kunsill u

(b) Il-pagamenti ta' Galea Curmi Engineering Consultants relatati ma' *contract management fees* għax-xahar ta' Awwissu 2016 ma jiġix approvat


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

minħabba li l-Kunsill Lokali qed juża s-sistema tal-*customer care* tar-Reġjun Għawdex biex jirrapporta l-bozoz maħruqin fil-lokalita'.

Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti l-oħra u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

8. Aġġornament

Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ħamis 27 ta' Ottubru 2016 fil-5.30pm fis-Sala tal-Kommunita' b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.00pm.

**IFFIRMATA**

Saviour Borg
Sindku

**IFFIRMATA**

Ivan Attard
Aġent Segretarju Eżekuttiv